Nru. 18,296
Prezz/Price
€1.86

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 14 ta' Awissu, 2008
Thursday, 14th August, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 707

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. IX ta' l-2008 imsejjaħ l-Att ta' l-2008 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* u Liġijiet oħra.

L-14 ta' Awissu, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 707

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. IX of 2008 entitled the Accountancy Profession Act and other Laws (Amendment) Act, 2008.

14th August, 2008

Nru. 708

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR/ REĠISTRATUR QRATI KRIMINALI U TRIBUNALI KRIMINALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 708

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR/ REGISTRAR CRIMINAL COURTS AND CRIMINAL TRIBUNALS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Aldo Testone	Aġent Direttur/Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali *Acting Director/Registrar Criminal Courts and Criminal Tribunals*	Qrati tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	20-27.08.2008

L-14 ta'Awissu, 2008

14th August, 2008

Nru. 709

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (VAT)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 709

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (VAT)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance, the Economy and Investment, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Ms Joanne Hefny	A/Direttur Ġenerali A/*Director General*	VAT *VAT*	13–24.8.2008

L-14 ta' Awissu, 2008

14th August, 2008

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' *Finance Manager – Project Support*

B'viżjoni li jissaħħaħ it-tim ta' mmaniġġjar finanzjarju, l-Università qiegħda tfittex persuna professjonali li tikkonċentra fuq in-negozju biex tassisti fit-twaqqif u l-immaniġġjar tal-funzjonament u *support* tal-proġett fi ħdan l-Uffiċċju tal-Finanzi tal-Università ta' Malta. Il-funzjoni tas-*support* tal-proġett bħalissa tieħu ħsieb madwar 150 proġett iffinanzjati mill-UE li lkoll għandhom materja varja ta' speċjalizzazzjoni.

Responsabbli għad-Direttur tal-Finanzi, id-dmirijiet tal-*Finance Manager* ikunu jinkludu:

Abbozzar ta' proċeduri interni u regolamenti, fejn hu relevanti, b'konformità mar-regolamenti finanzjarji lokali u tal-UE u entitajiet oħra li jipprovdu finanzjament;

Jirrevedi proġetti varji ffinanzjati esternament, jiżgura konformità mar-regolamenti finanzjarji tal-entitajiet li jipprovdu finanzjament;

Monitoraġġ kontinwu ta' proġetti, jiżgura li l-proċeduri finanzjarji stabbiliti huma segwiti u li r-rapporti regolari huma milħuqa fil-ħin;

Immaniġġjar ta' tim tas-*support* tal-proġetti u jipprovdi direzzjoni definita biex jilħaq l-oġġettivi;

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Finance Manager – Project Support

With a view of strengthening its finance management team, the University is seeking a business-focused professional to assist in setting-up and managing the project support function of the Finance Office at the University of Malta. The project support function currently handles around 150 EU funded projects having various areas of specialisation.

Responsible to the Director of Finance, the duties of the Finance Manager will include:

Drafting internal procedures and regulations, wherever relevant, being in compliance with local and EU financial regulations or other funding bodies;

Reviewing various externally funded projects, ensuring compliance with financial regulations of the funding bodies;

Ongoing monitoring of projects, ensuring that established financial procedures are adhered to and that regular reporting timelines are met;

Managing the project support team and providing direction to meet defined objectives;

Irrappurtar regolari lis-*senior management* fuq l-andament ta' proġetti speċifiċi; u

Iżomm kuntatt mal-awdituri.

2. L-applikanti għandu jkollhom grad rikonoxxut fl-*accountancy* u *warrant* ta' *CPA*, mhux anqas minn tliett snin esperjenza post-kwalifika, preferibbilment f'kumpanija ta' *audit/accountancy,* ikollhom abbiltà li jużaw għodda ta' *IT software* u jkollhom abbiltajiet ta' komunikazzjoni eċċellenti, fil-kitba, verbali u numerika kif ukoll fl-organizzazzjoni. Preferenza tingħata lil dawk l-applikanti li jkunu jafu tal-proċeduri tal-UE.

Dan il-post jipprovdi opportunità eċċellenti għal dawk il-persuni li qed ifittxu avvanz fil-karriera tagħhom u żvilupp f'ambjent dinamiku taħt direzzjoni ta' tim żagħżugħ ta' *senior management*.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-grad jiġi diskuss.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tlett ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid:-

Direttur tar-Riżorsi Umani
Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, il-25 ta' Awissu, 2008.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data u l-ħin stipulat ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

L-14 ta' Awissu, 2008

Regular reporting to senior management on the state of affairs of specific projects; and

Liaising with auditors.

Candidates should possess a recognised accountancy degree and a CPA warrant, have at least three years post-qualification experience, preferably in an audit/accountancy firm, be skilled in using IT software tools and have excellent written, verbal, organisational and numeric communication skills. Preference will be given to candidates who possess knowledge of EU guidelines.

The position provides an excellent opportunity for persons seeking career advancement and development within a dynamic environment under the direction of a young senior management team.

3. Remuneration Package will be discussed.

Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:-

The Director for Human Resources Management and Development
Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Friday, 25th August, 2008.

Applications received after the closing date and time will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 217, Administration Building or on the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

14th August, 2008

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 30 JUNE 2008

ASSETS

	€	Lm
Gold and gold receivables	4,389,594	1,884,453
Claims on non-euro area residents in fcy	370,850,538	159,206,136
Claims on euro area residents in fcy	323,773,738	138,996,066
Claims on non-euro area residents in euro	540,321,362	231,959,961
Lending related to monetary policy operations	184,000,000	78,991,200
Other claims on euro area credit institutions in euro	363,684,351	156,129,692
Securities of euro area residents in euro	473,689,134	203,354,745
General government debt in euro	-	-
Intra-Eurosystem claims	47,322,821	20,315,687
Items in course of settlement	6,682,624	2,868,850
Other assets	521,456,803	223,861,405
	2,836,170,965	**1,217,568,195**

LIABILITIES

	€	Lm
Banknotes in circulation	631,014,769	270,894,640
Liabilities related to monetary policy operations	405,379,022	174,029,214
Other liabilities on euro area credit institutions in euro	49,692,657	21,333,058
Debt certificates issued	-	-
Liabilities to other euro area residents in euro	351,374,630	150,845,129
Liabilities to non-euro area residents in euro	72,705,622	31,212,524
Liabilities to euro area residents in fcy	87,437,299	37,536,832
Liabilities to non-euro area residents in fcy	95,657	41,065
Counterpart of special drawing rights allocated by the IMF	11,687,599	5,017,486
Intra-Eurosystem liabilities	873,640,222	375,053,747
Items in course of settlement	62,135,510	26,674,774
Other liabilities	66,576,775	28,581,410
Provisions	-	-
Revaluation accounts	1,768,502	759,218
Capital and reserves	222,662,701	95,589,098
	2,836,170,965	**1,217,568,195**

R. FILLETTI
FINANCIAL CONTROLLER

G. HUBER
DIRECTOR
FINANCE & BANKING

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-19 ta' Awissu, 2008, għal:

CT 140/2008. Bini, tlestija u xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi fl-*ETC Skills Development Centre* - Korporazzjoni għat-Taħriġ u Impieg. Irid jitħallas dritt ta' €150.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (2007-2013) - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* stmat: €432,322.00 mingħajr V.A.T.).

CT 37/2008. Provvista ta' *pallet racking* u *very narrow aisle stacker* għall-imħażen il-ġodda tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern fil-Marsa - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-26 ta' Marzu 2008.

CT 167/2008. Provvista ta' servizzi ta' trasport bejn il-*Park and Ride Site* f'*Hornworks* u *Crownworks Ditch,* il-Furjana u Pjazza Ħelsien - Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-21 ta' Awissu, 2008, għal:

CT 156/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' qomos tax-xitwa lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 157/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' stokk u ħġieġ lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-26 ta' Awissu, 2008, għal:

CT 147/2008. Żvilupp u tħaddim ta' eMall – Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-20 ta' Ġunju 2008.

CT 165/2008. Ftehim ta' qafas għall-provvista ta' bnadar nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea (UE) lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 139/2008. Akkwist ta' servizzi ta' konsulenza għall-

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 19th August, 2008, for:

CT 140/2008. Construction, finishing and mechanical, electrical works at the ETC Skills Development Centre - Employment and Training Corporation. A fee of €150.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union, under the European Regional Development Fund (2007 - 2013) - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €432,322.00 excluding V.A.T.).

CT 37/2008. Supply of pallet racking and very narrow aisle stacker for the new Government Pharmaceuticals Services stores at Marsa - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 26th March 2008.

CT 167/2008. Provision of transport services between the Park and Ride Site at Hornworks and Crownworks Ditch, Floriana and Freedom Square - Roads Directorate. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 21st August, 2008, for:

CT 156/2008. Framework agreement for the supply of winter shirts to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 157/2008. Framework agreement for the supply of putty and glass to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 26th August, 2008, for:

CT 147/2008. Development and operation of an eMall – Ministry for Infrastructure, Transport and Communications. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th June 2008.

CT 165/2008. Framework agreement for the supply of national and European Union (EU) flags to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 139/2008. Procurement of consultancy services for a

cost benefit analysis to assess the feasibility of the setting up ta' sptar tar-rijabilitazzjoni komprensiva - Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta li tista' tkun parzjalment imħallsa mill-Unjoni Ewropea, *Operational Programme I - Cohesion Policy 2007 - 2013* - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* stmat: €80,000.00 mingħajr V.A.T.).

CT 141/2008. Servizzi ta' kostruzzjoni, tlestija u bini ta' binja ta' *simulator/workshop* fiċ-Ċentru tat-Taħriġ tal-Adulti f'Ħal Far - Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta se tkun imħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea, *Operational Programme I - Cohesion Policy 2007 - 2013* - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* stmat: €666,480.00 mingħajr V.A.T.).

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-28 ta' Awissu, 2008, għal:

CT 158/2008. Kuntratt perjodiku għas-servizzi ta' żewġ (2) tobba biex jaħdmu mal-immigranti irregolari - Forzi Armati ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 159/2008. Kuntratt perjodiku għas-servizzi ta' żewġ (2) infermira kwalifikati biex jaħdmu mal-immigranti irregolari - Forzi Armati ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 164/2008. Provvista u stallazzjoni ta' servizzi tal-elettriku, mekkaniċi u ta' *extra low voltage (ELV)* għall-estensjoni tal-Uffiċċju tar-Rettur fil-Binja tal-Amministrazzjoni - l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 168/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' *bottled oxygen* u *acetylene* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 170/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' *toilet paper* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-2 ta' Settembru, 2008, għal:

CT 153/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *zolendronic acid 4mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-4 ta' Lulju 2008.

CT 163/2008. Provvista, konsenja u kummissjunar ta' żewġ *skid steer loaders* ġodda lid-Dipartiment tal-Manifattura u

cost benefit analysis to assess the feasibility of the setting up of a comprehensive rehabilitation hospital - Foundation for Medical Services. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender might be part-financed by the European Union, Operational Programme I - Cohesion Policy 2007-2013 - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €80,000.00 excluding V.A.T.).

CT 141/2008. Construction, finishes and building services of a simulator/workshop building at the Ħal Far Adult Training Centre - National Commission Persons with Disability. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union, Operational Programme I - Cohesion Policy 2007-2013 - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €666,480.00 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 28th August, 2008, for:

CT 158/2008. Period contract for the services of two (2) medical doctors to work with irregular immigrants - Armed Forces of Malta. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 159/2008. Period contract for the services of two (2) qualified nurses to work with irregular immigrants - Armed Forces of Malta. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 164/2008. Supply and installation of electrical, mechanical and extra low voltage (ELV) services for the extension of the Rectors Office of the Administration Building - University of Malta. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 168/2008. Framework agreement for the supply of bottled oxygen and acetylene to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 170/2008. Framework agreement for the supply of toilet paper to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 2nd September, 2008, for:

CT 153/2008. Supply of zolendronic acid 4mg injections - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 4th July 2008.

CT 163/2008. Supply, delivery and commissioning of two (2) brand new skid steer loaders to the Manufacturing and

Servizzi - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €70.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 172/2008. Qafas ta' ftehim għall-provvista ta' *steel wire mesh* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 173/2008. Qafas ta' ftehim għall-provvista ta' żebgħa u verniċi lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-4 ta' Settembru, 2008, għal:

CT 155/2008. Bini ta' Ċentru tat-Trasfużjoni tad-Demm fi Triq Notabile, Ħ'Attard, Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €230.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 98/2008. Provvista ta' *strips* biex ikejlu l-kwantità ta' glukożju fid-demm - Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-22 ta' April 2008.

CT 175/2008. Provvista, konsenja u tqegħid ta' ċangatura porfido u tal-ġebla tal-qawwi, kurduni tal-porfido fi Triq it-Torri, Tas-Sliema - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €70.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-9 ta' Settembru, 2008, għal:

CT 169/2008. Alterazzjonijiet u twaqqigħ proposti fit-tieni sular eżistenti tad-Diviżjoni tal-Kummerċ, Lascaris, fil-Belt Valletta - Diviżjoni tal-Kummerċ. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-11 ta' Settembru, 2008, għal:

CT 160/2008. Provvista ta' pilloli jew kapsuli *losartan 50mg* - Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-15 ta' Lulju 2008.

CT 161/2008. Provvista ta' pilloli *zidovudine* b'*lamivudine 300mg/150mg* - Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-15 ta' Lulju 2008.

CT 162/2008. Provvista ta' *prosthetics* - Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-15 ta' Lulju 2008.

CT 174/2008. Provvista ta' pilloli naltrexone 50mg - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 176/2008. Bażi tal-ftehim ta' qafas għall-provvista ta'

Services Department - Works Division. A fee of €70.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 172/2008. Framework agreement for the supply of steel wire mesh to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 173/2008. Framework agreement for the supply of various paints and varnishes to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 4th September, 2008, for:

CT 155/2008. Construction of a Blood Transfusion Centre at Notabile Road, Attard, Department of Health. A fee of €230.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 98/2008. Supply of strips for the determination of glucose in blood - Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 22nd April 2008.

CT 175/2008. Supply, delivery and laying of porfido and hardstone slabs, porfido kerbs at Triq it-Torri, Sliema - Works Division. A fee of €70.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 9th September, 2008, for:

CT 169/2008. Proposed alterations and demolition to the existing second floor at Commerce Division, Lascaris, Valletta - Commerce Division. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 11th September, 2008, for:

CT 160/2008. Supply of losartan 50mg tablets or capsules - Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 15th July 2008.

CT 161/2008. Supply of zidovudine with lamivudine 300mg/150mg tablets - Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 15th July 2008.

CT 162/2008. Supply of prosthetics - Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 15th July 2008.

CT 174/2008. Supply of naltrexone 50mg tablets - Department of Health.

CT 176/2008. Framework agreement for the supply of

rectangular precast hollow concrete blocks lit-Taqsima tal-Procurement tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-16 ta' Settembru, 2008, għal:

CT 166/2008. Provvista ta' *orthotics* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-17 ta' Lulju 2008.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-25 ta' Settembru, 2008, għal:

CT 171/2008. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' oġġetti tal-iġjene personali għal individwi minn pajjiżi barranin - Forzi Armati ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

*CT 178/2008. Provvista ta' *disposable 5-10mm trocar set* - Dipartiment tas-Saħħa.

*CT 179/2008. Provvista ta' *bullet proof (over) vests* - Dipartiment tal-Pulizija. Irid jitħallas dritt ta' €10.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

*CT 180/2008. Xogħlijiet ta' toroq fi Triq is-Sajjieda, Marsaxlokk - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €35.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

*CT 181/2008. Bejgħ *tale quale* u tneħħija ta' ħażniet u tagħmir skaduti - Forzi Armati ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-30 ta' Settembru, 2008, għal:

CT 177/2008. Sistema ta' moniteraġġ u investigazzjoni tal-art għas-Swar tal-Imdina - Taqsima tar-Restawr. Irid jitħallas dritt ta' €150.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta sejra tkun parzjalment imħallsa mill-Unjoni Ewropea, Operational Programme I - Cohesion Policy 2007 - 2013, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* stmat: €395,000.00 mingħajr V.A.T.).

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Id-dokumenti tal-offerta jistgħu wkoll jitħallsu permezz ta' sistema elettronika *point-of-sale* (EPOS) tal-Bank of Valletta.

rectangular precast hollow concrete blocks to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 16th September, 2008, for:

CT 166/2008. Supply of orthotics- Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 17th July 2008.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 25th September, 2008, for:

CT 171/2008. Period contract for the supply of personal hygiene items to third country nationals - Armed Forces of Malta. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

*CT 178/2008. Supply of disposable 5-10mm trocar set - Department of Health.

*CT 179/2008. Supply of bullet proof (over) vests - Police Department. A fee of €10.00 will be charged for each copy of tender document.

*CT 180/2008. Road works at Triq is-Sajjieda, Marsaxlokk - Works Division. A fee of €35.00 will be charged for each copy of tender document.

*CT 181/2008. Sale tale quale and removal of obsolete stores and equipment - Armed Forces of Malta. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 30th September, 2008, for:

CT 177/2008. Mdina bastions ground investigation work and monitoring system - Restoration Unit. A fee of €150.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender will be part-financed by the European Union, Operational Programme I - Cohesion Policy 2007 - 2013, European Regional Development Fund - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €395,000.00 excluding V.A.T.).

*Advertisements appearing for the first time

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon. A Bank of Valletta point-of-sale system (EPOS) is also available for the payment of tender documents.

Tenderers huma avżati li jżuru il-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

L-14 ta' Awissu, 2008

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII tal-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

L-14 ta' Awissu, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 37/2008. Provvista ta' *pallet racking* u *very narrow aisle stacker* għall-imħażen il-ġodda tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern fil-Marsa - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-26 ta' Marzu 2008.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jerġa' jiġi mtawwal sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-19 ta' Awissu, 2008.

L-14 ta' Awissu, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 98/2008. Provvista ta' *strips* biex ikejlu l-kwantità ta' glukożju fid-demm - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-22 ta' April 2008.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jerġgħu jiġu estiżi sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-4 ta' Settembru, 2008.

L-14 ta' Awissu, 2008

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

14th August, 2008

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of Clause 30 and Part XIII of the Public Contracts Regulations 2003, recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with part XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

14th August, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 37/2008. Supply of pallet racking and very narrow aisle stacker for the new Government Pharmaceutical Services stores at Marsa - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 26th March 2008.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is again being extended up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 19th August, 2008.

14th August, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 98/2008. Supply of strips for the determination of glucose in blood - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd April 2008.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is again being extended up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 4th September, 2008.

14th August, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 139/2008. Akkwist ta' servizzi ta' konsulenza għall-*cost benefit analysis to assess the feasibility of the setting up* ta' sptar tar-rijabilitazzjoni komprensiva - Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta li tista' tkun parzjalment imħallsa mill-Unjoni Ewropea, *Operational Programme I - Cohesion Policy 2007 - 2013* - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* stmat: €80,000.00 mingħajr V.A.T.).

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jiġi mtawwal sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-26 ta' Awissu, 2008.

L-14 ta' Awissu, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 139/2008. Procurement of consultancy services for a cost benefit analysis to assess the feasibility of the setting up of a comprehensive rehabilitation hospital - Foundation for Medical Services. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender might be part-financed by the European Union, Operational Programme I - Cohesion Policy 2007-2013 - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €80,000.00 excluding V.A.T.).

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is being extended up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 26th August, 2008.

14th August, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 141/2008. Servizzi ta' kostruzzjoni, tlestija u bini ta' binja ta' *simulator/workshop* fiċ-Ċentru tat-Taħriġ tal-Adulti f'Ħal Far - Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta se tkun imħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea, *Operational Programme I - Cohesion Policy 2007 - 2013* - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* stmat: €666,480.00 mingħajr V.A.T.).

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jiġi mtawwal sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-26 ta' Awissu, 2008.

L-14 ta' Awissu, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 141/2008. Construction, finishes and building services of a simulator/workshop building at the Ħal Far Adult Training Centre - National Commission Persons with Disability. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union, Operational Programme I - Cohesion Policy 2007-2013 - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €666,480.00 excluding V.A.T.).

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is being extended up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 26th August, 2008.

14th August, 2008

DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET

Il-Kummissarju tal-Artijiet jgħarraf illi:-

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 21 ta' Awissu, 2008.

Avviż Nru. 120. Bejgħ ta' spazju taħt l-art, li jiġi taħt Triq Sir Arturo Mercieca, Tas-Sliema, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2005_196. Min jieħu l-offerta jrid iħallas is-somma ta' tliet mija u erbgħa u ħamsin ewro (€354.00) bħala spejjeż, qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €465 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:-

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 21st August, 2008.

Advt. No. 120. Sale of an underground space, underlying Triq Sir Arturo Mercieca, Sliema, shown edged in red on plan P.D.2005_196. Successful tenderer is to pay the amount of three hundred and fifty four Euro (€354.00), for expenses incurred, prior to the signing of the deed. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €465 as stipulated in the tender conditions.

Avviż Nru. 121. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' ewro u għaxar ċenteżmi (€1.10) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fl-14 ta' Awissu, 2077, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Grech tat-3 ta' Mejju, 1922, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tas-sit, flimkien mat-titjib kollu li sar fuqu,li qiegħed fuq wara tal-Fond Nru. 9/10 Triq Madonna tal-Virtù, l-Għarb, Għawdex, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_17_2007. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €500 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Din l-offerta hija soġġrtta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 122. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' żewġ ewro u għaxar ċenteżmi (€2.10) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fl-14 t'Awissu, 2026, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Salvatore Vincenzo Trionfi tas-16 ta' Settembru, 1874, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-Fond Nru. 20/21 Triq San Pawl kantuniera ma' Nru. 56 Pjazza tal-Lunzjata, Tas-Sliema, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_32_2008. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €500 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 123. Kiri tal-Garaxx Nru. 2 viċin Triq in-Naxxar, Qasam tad-Djar, Ħal Lija, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2008_104.

Avviż Nru. 124. Kiri tal-Fond Nru. 153 Triq San Pawl, Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_12_2007_A. Min jagħmel l-offerta jrid isemmi l-iskop tal-kirja.

Avviż Nru. 125. Kiri, minn sena għal sena, biex jintuża bħala ġnien, ta' sit maġenb sub station tal-elettriku fi Triq Giovanni Barbara, il-Ħamrun, muri bl-aħmar fuq pjanta L.D.95/81/13.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 28 ta' Awissu, 2008.

Avviż Nru. 126. Bejgħ ta' spazju taħt l-art, li jiġi taħt Triq San Xmun, ix-Xlendi, limiti tal-Munxar, Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2008_18. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €4,000 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Avviż Nru. 127. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' tlieta u disgħin ewro ċenteżmi (€0.93) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru, 2016, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli tat-23 ta' Settembru, 1867 u kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Pellegrini Petit tal-4 ta' April, 1882, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-Fond Nru. 21, Triq il-Madonna tas-Sacro

Advt. No. 121. Sale of the Temporary Directum groundrent of one Euro and ten cents (€1.10) per annum, for the remaining period which expires on the 14th August, 2077, as per deed in the records of Notary Giuseppe Grech dated 3rd May, 1922, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the site, together with all improvements thereon, at the back of Premises Nos. 9/10 Triq Madonna tal-Virtu', Gharb, Gozo, shown edged in red on plan P.D.JO_17_2007. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €500 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 122. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of two Euro and ten cents (€2.10) per annum, for the remaining period which expires on the 14th August, 2026, as per deed in the records of Notary Salvatore Vincenzo Trionfi dated 16th September, 1874, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the Premises Nos. 20/21 Saint Paul Street corner with No.56 Pjazza tal-Lunzjata, Sliema, shown edged in red on plan P.D.JO_32_2008. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €500 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 123. Lease of Garage No. 2 off Naxxar Road, Housing Estate, Lija, shown edged in red on plan P.D.2008_104.

Advt. No. 124. Lease of Premises No.153, Triq San Pawl, Valletta, shown edged in red on plan P.D.JO_12_2007_A. Tenderers are to state purpose of lease.

Advt. No. 125. Lease, on a year to year basis, for gardening purposes, of a site adjacent to an electricity sub station in Triq Giovanni Barbara, Ħamrun, shown edged in red on plan L.D.95/81/13.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 28th August, 2008.

Advt. No. 126. Sale of an underground space, underlying Triq San Xmun, Xlendi, limits of Munxar, Gozo, as shown edged in red on plan P.D.2008_18. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €4,000 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 127. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of ninety three euro cents (€0.93) per annum, for the remaining period which expires on the 31st December, 2016, as per deed in the records of Notary Giuseppe Metropoli dated 23rd September, 1867, and deed in the records of Notary Giuseppe Pellegrini Petit dated 4th April, 1882, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the Premises No. 21,

Cuor, Tas-Sliema, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_2008_30. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,500 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 128. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' tlieta u disgħin ewro ċenteżmi (€0.93) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru, 2022, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Vincenzo Paolo Frendo tas-16 ta' Frar, 1874 u kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Pellegrini Petit tal-4 ta' April, 1882, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-Fond Nru. 23, Triq il-Madonna tas-Sacro Cuor, Sliema, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_2008_31. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,500 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 129. Kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit fil-limiti tas-Siġġiewi, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2006_115. Bdiewa *full-time* jingħataw preferenza. Dikjarazzjoni mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (E.T.C.), li tikkonferma li għall-anqas f'dawn l-aħħar tliett (3) snin kien/et bidwi *full-time*, trid tiġi annessa ma' kull offerta. F'każ li l-ebda bidwi *full-time* ma jagħmel offerta, il-Gvern iżomm id-dritt li jagħti l-offerta lil kwalunkwe offerent ieħor.

Avviż Nru. 130. Kiri, minn sena għal sena, biex jintuża bħala ġnien, ta' sit quddiem id-Dar Nru. 6, Triq il-Ħuxlief, iż-Żejtun, muri bl-aħmar fuq pjanta L.D.7/80/75. Dan is-sit hu soġġett għal servitujiet eżistenti favur id-dar adjaċenti.

Avviż Nru. 131. Kiri, *tale quale*, minn sena għal sena, mhux għal abitazzjoni, ta' Struttura fid-Dwejra, limiti tar-Rabat, Malta, murija bl-aħmar fuq pjanta P.D.2007_859. Min jagħmel l-offerta jrid isemmi l-iskop tal-kirja.

Avviż Nru. 132. Kiri tal-Ħanut vojt Nru.79/81, Triq Tal-Borg, Paola, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2008_85. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 4 ta' Settembru, 2008.

*Avviż Nru. 133. Bejgħ ta' sit fuq wara tal-Fond 'Kontiki' Nri. 8/10, Triq Mario Cortis, Ħ'Attard, muri bl-aħmar u mmarkat Nru.12 fuq pjanta P.D.2008_93. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €400 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

*Avviż Nru. 134. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' tlieta u erbgħin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€43.67) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu

Triq il-Madonna tas-Sacro Cuor, Sliema, shown edged in red on plan P.D.JO_2008_30. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,500 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 128. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of ninety three euro cents (€0.93) per annum, for the remaining period which expires on the 31st December, 2022, as per deed in the records of Notary Vincenzo Paolo Frendo dated 16th February, 1874, and deed in the records of Notary Giuseppe Pellegrini Petit dated 4th April, 1882, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the Premises No. 23, Triq il-Madonna tas-Sacro Cuor, Sliema, shown edged in red on plan P.D.JO_2008_31. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,500 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 129. Lease, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site in the limits of Siġġiewi, shown edged in red on plan P.D.2006_115. Preference will be given to full-time farmers, who are to submit a declaration by the Employment and Training Corporation (E.T.C.) confirming that he/she has been a full time farmer for at least the last three (3) years. Government reserves the right to award tender to any other bidder if no full time farmer submits an offer.

Advt. No. 130. Lease, on a year to year basis, for gardening purposes, of a site in front of House No. 6, Triq il-Ħuxlief, Żejtun, shown edged in red on plan L.D.7/80/75. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent house.

Advt. No. 131. Lease, tale quale, on a year to year basis, not for habitation, of a Structure at id-Dwejra, limits of Rabat, Malta, shown edged in red on plan P.D.2007_859. Tenderers are to state purpose of lease.

Advt. No. 132. Lease of the bare Shop No.79/81, Tal-Borg Street, Paola, shown edged in red on plan P.D. 2008_85. This tender is subject to a right of first refusal.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 4th September, 2008.

*Advt. No. 133. Sale of a site at the back of Premises 'Kontiki' Nos. 8/10, Triq Mario Cortis, Attard, shown edged in red and marked No.12 on plan P.D.2008_93. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €400 as stipulated in the tender conditions.

*Adv. No. 134. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of forty three Euro and sixty seven cents (€43.67) per annum, for the remaining period which

li jintemm fid-9 ta' Ġunju, 2021, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Antonio Schembri tal-10 ta' Ġunju, 1922, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-Fond Nru. 17 u 17A, Triq Għar il-Lembi, Tas-Sliema, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_39_2006. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €7,000 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

*Avviż Nru. 135. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' seba' ewro u tnejn u disgħin ċenteżmi (€7.92) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fil-21 ta' Novembru, 2042, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Salvatore Cauchi tat-22 ta' Novembru, 1892, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-Fond Nru.10, Triq San Lawrenz kantuniera ma' Triq San Piju V, Tas-Sliema, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_17_2008. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,000 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

*Avviż Nru. 136. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' ħamsa u tmenin ewro ċenteżmi (€0.85) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fit-2 ta' Marzu, 2019, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Luigi Gauci Forno tat-3 ta' Marzu, 1920, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-ħanut bl-isem ta' "Ciao Bella Pizzeria" u taż-żewġ appartamenti u *penthouse* ta' fuqu, bl-arja ta' fuqhom, fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar, murija bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_54_2008. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €7,000 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

*Avviż Nru. 137. Kiri, minn sena għal sena, biex jintuża bħala ġnien, ta' sit fi Triq Ħal Mula kantuniera ma' Triq il-Fraxxnu, Ħaż-Żebbuġ, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2008_39.

*Avviż Nru. 138. Kiri, minn sena għal sena, biex jintuża bħala ġnien, ta' sit li qiegħed bejn Blokk B u Blokk Ċ fil-Qasam tad-Djar, Birżebbuġa, muri bl-isfar u mmarkat Nru. 8 fuq pjanta L.D.14/83/4/A.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m. Irid jitħallas dritt ta' €11.65 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta. Il-ħlasijiet jiġu aċċettati biss b'ċekk jew *money order*. L-offerta tkun valida biss jekk ikollha magħha t-timbru uffiċjali tad-Dipartiment.

L-14 ta' Awissu, 2008

expires on the 9th June, 2021, as per deed in the acts of Notary Antonio Schembri dated 10th June, 1922, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the Premises No. 17 and 17A, Triq Għar il-Lembi, Sliema, shown edged in red on plan P.D.JO_39_2006. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €7,000 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

*Adv. No. 135. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of seven Euro and ninety two cents (€7.92) per annum, for the remaining period which expires on the 21st November, 2042, as per deed in the acts of Notary Salvatore Cauchi dated 22nd November, 1892, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the Premises No. 10, Saint Lawrence Street corner with Saint Pius V Street, Sliema, shown edged in red on plan P.D.JO_17_2008. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

*Advt. No. 136. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of eighty five Euro cents (€0.85) per annum, for the remaining period which expires on the 2nd March, 2019, as per deed in the records of Notary Luigi Gauci Forno dated 3rd March, 1920, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of a shop named "Ciao Bella Pizzeria" and the overlying two flats and penthouse and the overlying airspace in Mosta Road, Saint Paul's Bay, shown edged in red on plan P.D.JO_54_2008. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €7,000 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

*Advt. No. 137. Lease, on a year to year basis, for gardening purposes, of a site in Triq Ħal Mula corner with Triq il-Fraxxnu, Żebbuġ, shown edged in red on plan P.D.2008_39.

*Advt. No. 138. Lease, on a year to year basis, for gardening purposes, of a site between Blocks B and C in the Housing Estate, Birżebbugia, shown edged in yellow and marked No. 8 on plan L.D. 14/83/4/A.

*Advertisements appearing for the first time

